A.L. 171 tal-2010

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2010 dwar Tnaqqis (Spiżerija tal-Għażla Tiegħek)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2010 dwar Tnaqqis (Spiżerija tal-Għażla Tiegħek).

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2010.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regoli, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"Kumitat Konsultattiv Permanenti" tfisser il-kumitat b'dak l-isem speċifikat fil-ftehim datat 28 ta' Lulju, 2007 milħuq bejn il-Gvern ta' Malta u l-Kamra tal-Ispiżjara u l-Kamra tal-Intrapriżi Żgħar u Medji tal-GRTU;

"persuna li tikkwalifika" tfisser persuna li għaliha tapplika r-regola 3 ta' dawn ir-regoli;

"Spiżerija tal-Għażla Tiegħek" tfisser l-iskema b'dak l-isem li toħroġ mill-ftehim datat 28 ta' Lulju, 2007 milħuq bejn il-Gvern ta' Malta u l-Kamra tal-Ispiżjara u l-Kamra tal-Intrapriżi Żgħar u Medji tal-GRTU.

Għan.

3. Dawn ir-regoli japplikaw għal kull persuna li:

(a) tmexxi negozju permezz ta' spiżerija; u

(b) tidħol fi spejjeż fix-xiri jew l-istallar ta' xi tagħmir jew software fi spiżerija għall-implimentazzjoni ta' l-iskema Spiżerija tal-Għażla Tiegħek.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tnaqqis.

4. (1) Meta persuna li tikkwalifika tagħmel xi spejjeż skond id-dispożizzjonijiet tar-regola 3, hija għandha tingħata tnaqqis ekwivalenti għal mitejn fil-mija (200%) ta' l-ispejjeż magħmulin dwar kull spiżerija li jingħataw fir-rigward ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna għas-sena ta' stima relattiva:

Iżda meta n-nefqa msemmija f'din ir-regola tkun saret qabel is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima 2010, dak it-tnaqqis għandu jitgawda fis-sena ta' stima 2010.

(2) It-tnaqqis totali mitlub taħt dawn ir-regoli kif hawn aktar qabel imsemmi fir-rigward ta' kull spiżerija ma għandux ikun ta' iżjed minn disat elef euro (9000).

Applikazzjoni.

5. (1) It-tnaqqis mogħti b'dawn ir-regoli għandu jingħata biss meta x-xogħol marbut ma' l-ispiża jkun ġie mitmum u tkun intgħamlet applikazzjoni lill-Kumitat Konsultattiv Permanenti, billi jingħataw dettalji tal-ispejjeż li jkunu saru fir-rigward ta' kull spiżerija b'dak il-mod li l-Kumitat jista' jkun jeħtieġ, u dik l-applikazzjoni tiġi rakkomandata u approvata minn dak il-Kumitat.

(2) Il-Kumitat Konsultattiv Permanenti għandu, wara li jirrakkomanda u japprova kif imiss u kif hemm fis-subregola (1) ta' din ir-regola, jibgħat lill-Kumissarju d-dettalji tal-applikazzjonijiet li jkunu ġew approvati, hekk kif il-Kummissarju jista' jeħtieġ.